MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2012

Numru. 1074/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**
**SPETTUR JOHANN FENECH**

**KONTRA**

**DUMBUYA ALMAMI ta' 35 sena, iben Gibril u Mariam Dumbuya, imwieled l-Ivory Coast nhar l-01.01.1977, residenti fil-fond Xatt il-Mollijiet, Marsa Open Centre, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 36757A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Dumbuya Almami** li gie akkuzat talli nhar it-2 ta' Novembru, 2008, u matul it-tliet gimghat ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

1. Assocja ruhu ma’ xi persuna jew persuni ohra f’Malta jew barra minn Malta, sabiex ibiegh jew jittraffika medicina f’Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza, jew iffinanzja l-assocjazzjoni;

2. U aktar talli ttenta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew hajjar jew gieghel persuna ohra taghmel dak ir-reat;

3. U aktar talli gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, weghdiet, theddid, maniggi, jew eghmil qarrieqi, inkella b’abbuz ta’ awtorita’ jew setgha, inkella li jkun ta struzzjonijiet biex isir id-delitt.

Rat l-akkuzi kif migjuba kontra Dumbuya Almami.

Reat li mat-tieni interrogatorju, in vista’ li din il-kawza fil-fatt tmexxiet bil-lingwa Maltija bi traduzzjoni ghal Franciz, f’dan l-interrogatorju (folio 230) l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat ukoll il-Kontro Ordni ta’ l-Avukat Generali ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 285).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet u ezaminat il-provi saljenti.

It-tragitt tad-droga misjuba nstab mill-pulizija Maltija gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta’ Malta. Dwar dan ghalhekk xehdu l-Ispettur Pierre Grech u pulizija ohra hekk involuti.

L-Ispettur Pierre Grech minn naha tieghu xehed dwar dak li gie rraportat lilu mill-pulizija li qabdu gewwa l-Ajruport lil certu Bius u fis-sussegwenti ‘controlled delivery’ li l-istess Buis ghamel mal-pulizija taht il-kappa tal-Magistrat Inkwirenti. Ghalhekk PC 323 xehed illi fil-31 ta’ Ottubru,

2008, kien twaqqaf certu Jose Julio (Buis) li kien dahal Malta minn flight minn Amsterdam. Dan ittiehed Mater Dei fuq suspett li go fih kellu xi kapsoli. Mic-chest x-ray li sarlu, u dan gie kkonfermat mit-tobba, go fih kellu xi kapsoli. Dan ittiehed fis-SAU u hemm ghamel tlieta u ghoxrin(23) kapsola. Rega' ghamel hdax(11) ohra, u terga' sitta(6) ohra.

Xehdu wkoll kif diga' inghad ufficjali tal-pulizija li kienu nvoluti fil-controlled delivery li fiha ha sehem l-istess Buis.

PC 599 Clive Mangion xehed illi hu kien xoghol fil-kamra 135 gewwa r-Rokna Hotel ma' certu Jose Julio Buis. Kien qieghed jircievi struzzjonijiet minghand l-Ispettur Pierre Grech u l-Ispettur Johann Fenech. Qal ovvjament dak li ra hu lil Buis jaghmel, li ghall-habta tal-11.00am dan Buis cempel barra minn Malta lil certu Romeo. Ghandu jinghad ukoll illi kemm dan Mangion kif ukoll il-pulizija l-ohra nvoluti, xehdu fuq dak li kien qieghed jghidilhom dan Buis, stante li huma ma jifhmux il-lingwa li kienet qed tigi mitkellma. Dan Buis talab skondtu lil Romeo jittoppjalu l-mobile tieghu. Rega' cempel dan Romeo biex jistaqsi lil Buis jekk kienx ircieva din it-top-up – ghal dan Buis irrisponda fl-affermattiv. Romeo rega' cempillu u qallu biex jaqbad il-basket, jitla' hdejn il-bus stop u hemm kellu jkun hemm zewg persuni ta' kulur jistennewh biex jaghtihom xi basket. Ghalhekk skond dan ix-xhud, allura fuq dak li kien qed jghidilhom Buis, huma eskortaw lil dan Buis. Dan waqaf hdejn bus stop. Rega' rcieva telefonata minghand Romeo li qallu li kellu jfittex karozza silver bi tnejn minn nies go fiha. Dak il-hin skond dan ix-xhud ghaddiet vettura Tata Indica silver BBL702, misjuqa skond ix-xhud minn certu Zeba Moussa. Rah jghaddi minn quddiem il-Wembley Garage, waqaf hdejn id-Dicks Bar. Hemm xeghel il-hazard lights. Ra lill-imputat javvicina u jkellem lil Buis. Ra lil Buis jimxi 'l isfel ma' l-imputat u avvicinaw it-Tata. Rahom ser jirkbu fil-karozza, ra wkoll lil Almami beda jkellem lil Jose. Ra lil Jose jerga' jibda tiela' lejn il-Wembley. Kif ra hekk dan ix-xhud avvicina lil Buis u staqsieh x'gara. Wiegbu dan Buis li Almami kif kienu ser jidhlu fil-karozza, kien qallu biex jerga' jmur lura ghax kellu l-pulizija qeghdin warajh. Dan x'qallu Buis bl-Ingliz. Buis

qallu wkoll li meta kien qieghed ikellem lil Romeo, sema’ lil dan fuq il-mobile ta’ Almami (din ovvja kienet x’seta’ haseb l-istess Buis).

Minn hawn regghu marru fil-Kamra 135. Hawn rega’ cempel Romeo. Hawn dan Romeo kien infurmah li Moussa u Almami kienu gew arrestati. Sema’ lil Buis jghid fuq it-telephone l-kliem “I am coming down now.” (folio 21). Ghalhekk Buis nizel bil-basket quddiem il-lukanda.

Xehed li wara hames minuti waslet vettura Toyota Platz misjuqa minn certu Jonathan Attard. Dan Jonathan u Jose Buis, skond dan ix-xhud bdew jitkellmu, hawn Buis ghadda il-basket lil dan Jonathan minn got-tieqa tal-passiggier. Jonathan tah card lura.

Aktar tard xehed li ra wkoll lil certu Nelson Arias jghaddi quddiem ir-Rokna Hotel, jieqaf u jhares lejn l-entratura, sussegwentement baqa’ sejjer lejn il-Wembley.

Minn naha tieghu PS 1086 Johann Micallef xehed illi hu, fuq struzzjonijiet kien jokkupa kamra fil-lukanda, numru 135. Ghalhekk xehed li kien gie milhuq mill-Ispettur Pierre Grech li mieghu kellu lil Jose Julio.  Dan kien qed jircievi telefonati minn xi hadd Romeo. Fuq tali struzzjonijiet, segwew lil dan Buis hdejn Havana, dan skond l-informazzjoni li kien qed jircievi x-xhud, biex jigi stabbilit jekk dan Buis kienx qieghed jinzamm mill-pulizija jew le. Hawn allura raw lil Buis jimxi lejn il-Havana, jinzel lejn Bay Street, rah jirrispondi l-mobile, rah rega’ jitla’ lejn il-Burger King. Rah jerga’ jitla’ lejn il-lukanda u rah jircievi telefonata ohra, Buis rega’ nizel bil-basket isfel. Skond Buis hu kien gie nfurmat li kien hemm tnejn minn nies jistennewh go vettura. Innota li minn quddiem Buis ghaddiet vettura b’zewg persuni fiha ta’ kulur skur. Ghaddiet din il-karozza darbtejn. Din kellha n-numru BBL702. Hawn dan ix-xhud qal illi x-xhud jidhol gol-lukanda. Ghalhekk dan Buis rega’ rcieva telefonata ohra, fejn skond Buis gie moghti struzzjonijiet jistenna fil-kamra.

L-ghada fil-ghodu Buis skondtu rcieva telefonata biex jinzel hdejn il-Wembley Garage, u jistenna fuq il-bus stop.

Dan ix-xhud ra li meta Buis wasal fuq il-post ra persuna ta’ kulur skur - li hu gharaf bhala l-imputat, imur hdejn dan Buis. Kellmu, u mxew wara xulxin. Almami quddiem u Buis wara.  Waqfu quddiem il-Pizza Hut fejn kienet ipparkjata din il-vettura, dejjem l-istess wahda bin-numru BBL702. Ra lill-imputat jitkellem max-xufier. Rah rega’ jdur lejn Jose u li Jose nfired minn maghhom. Buis rega’ mar hdejn il-lukanda. Kien dan l-istess xhud li ta struzzjonijiet li titwaqqaf din il-vettura.
Buis informa lil dan ix-xhud li Almami kien qallu biex imur lejn il-lukanda ghax kien hemm il-pulizija.

Skond Buis, allura ghax qal illi dan ix-xhud rega’ cempel dan Romeo, u hawn Buis qallu li kien ghadu qed jistenna lil xi hadd jigi ghall-pakkett. Rega’ rcieva dan Buis telefonata fejn issa gie diregut, johrog mill-lukanda, u jistenna hemm. Hawn waqfet karozza bin-numru CBQ803, misjuqa minn Jonathan Attard, Jose’ resaq lejn il-karozza, ghadda l-basket lill-passiggier – certu Charlene Farrugia, u din ghaddietu lid-driver. Hawn id-driver ghadda lil Buis speci ta’ karta ta’ l-identita’, skond ix-xhud ghax meta marru fuqu raha, calling card.

Gew arrestati.

WPC Carmen Gauci minn naha taghha xehdet illi fuq struzzjonijiet ghamlu check-in fil-kamra 135 fir-Rokna Hotel. Gew infurmati mill-Ispettur Pierre Grech li kienet ser issir “controlled delivery”. Anke din segwiet lil Buis mill-Havana ghal Bay Street. Hi regghet dahlet ir-Rokna Hotel fejn hemm rega’ mar Buis. Buis wara li rcieva telefonata nizel biex jiltaqa’ ma’ vettura li kienet BBL702. Rat li din il-vettura naqqset l-speed hdejn Buis, pero baqghet ghaddejja. L-ghada dan Buis, skondtha rega’ rcieva telefonata, mar hdejn il-Wembley. Hawn rat lill-imputat jghaddi, waqaf ikellem lil Buis hdejn il-bus stop u nizlu ‘l isfel wara xulxin lejn il-vettura pparkjata. Xehdet illi Almami kellem lix-xufier tal-vettura, kellem lil Buis, u Jose’ rega’ deher tiela’ lejn il-lukanda. Kien Buis li skond dan ix-xhud qallhom li Almami kien tah struzzjonijiet li jitlaq ghax warajh kellu l-pulizija. Buis skond din ix-xhud sar jaf

minghand Romeo, li z-zewg persuni tal-vettura kienu gew mizmuma mill-pulizija. Xehdet illi dan aktar tard rega' rcieva telefonata ohra u fuq struzzjonijiet ricevuti minn Buis, dan nizel isfel stante li kien gej xi hadd iehor jigbor ix-xoghol. Ghalhekk xehdet li ghall-habta ta' 12.15pm kienet waslet vettura CBQ803 misjuqa minn certu Jonathan Attard, u hawn Buis ghadda l-basket lill-passiggiera Charlene Farrugia li ghaddietu lil Jonathan li qieghdu fuq id-dash board.

Xehdu wkoll tlieta minn nies ohra msemmija mill-pulizija hawn suriferiti. Xhud principali ghall-Prosekuzzjoni hu Jose Julio Buis. Dan kien fil-fatt igguramenta l-istqarrija minnu rilaxxata quddiem il-Magistrat Inkwirenti, ai termini ta' l-Artikolu 24A(12)(13) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta fil-fatt illi dan Buis, kien fil-fatt igguramenta l-istess stqarrija, quddiem il-Magistrat sotto ffirmat, waqt illi l-istess kienet qieghda ta' l-Ghassa, allura fil-kapacita' taghha ta' Magistrat Inkwirenti. A bazi ta' dan, l-Avukat Difensur irregistra eccezzjoni jew lanjanza fejn ivverbalizza f'isem l-akkuzat illi, stante li Buis igguramenta l-istqarrija quddiem il-Magistrat Sedenti, li allura kienet involuta fl-Inkjesta konnessa ma' dan il-kaz, allura l-Magistrat ma kellhiex toqghod f'dan il-kaz.

Bir-rispett kollu lejn l-Avukat Difensur, ghandha tingibed l-attenzjoni tieghu li fil-fatt l-Ingenere kienet kondotta minn Magistrat iehor (Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera). Oltre hekk, il-Magistrat Inkwirenti, meta semghet ix-xhieda ta' Buis taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kienet biss qed tircievi xhieda bil-gurament u m'espremiet ebda opinjoni dwar il-mertu, jew ordnat li jittiehdu xi passi kontra xi hadd, allura mhix prevja milli tiehu konjizzjoni, tisma' jew tiddeciedi l-kawza in dezamina. Oltre hekk, l-istess Buis, moghti d-debita caution, ghazel illi jixhed viva voce quddiem din il-Qorti.

Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tezamina x-xhieda moghtija minn Buis, ghandu jigi rilevat ukoll illi fil-konfront tax-xhieda l-ohra li gguramentaw l-istqarrijiet taghhom, dawn gew debitament tradotti fuq ordni tal-Qorti minn Dr Maria

Cardona, inkluza allura dik ta’ Buis, liema traduzzjonijiet gew prezentati fir-relazzjoni mmarkata Dok MC.

Jose Julio Buis minn naha tieghu xehed illi kien gie arrestat f’Ottubru, 2008. Kien gie Malta ghax kien gie hawn mibghut mill-Olanda biex igib droga lil persuna jisimha Paco. Il-persuna Olandiza li baghtitu jisimha Romeo. Kien ghalhekk Romeo li qallu biex jaghti d-droga lil Paco. Qal illi kif wasal Malta arrestawh, qabduh go l-Ajruport. Haduh il-pulizija l-lukanda. Qal illi ghalkemm il-pulizija qalulu biex jghid lil dan Paco biex jitla’ gol-kamra, dan hu ma setax jaghmlu ghax l-istruzzjonijiet li kellu kienu li kellu jinzel hu. Dan ovvjament waqt il-controlled delivery. Kienu qalulu li l-persuni li kellhom jigbru d-droga kienu Afrikani; tnejn.

Qal illi hu minn fuq it-telephone kien ircieva struzzjoni u nformazzjoni li isfel kien hemm tnejn jistennewh gol-karozza. Nizel; ra din il-karozza li teptpitlu d-dawl, u pero telqu ‘l hemm. Xehed illi l-vettura kienet Toyota, ghalih blu skura. Qal illi dik il-gurnata lil Paco hu ma rahx.

Aktar tard jghid illi kien fil-lukanda mal-pulizija, rega’ rcieva telefonata mill-Olanda. Qallu li ma kienx hareg barra ghax kien ghajjien. Xehed illi l-ghada rega’ rcieva telefonata fejn hawn qallu li kellu jmur hdejn il-bus stop. Ircieva struzzjoni jew informazzjoni li Paco kellu jkun hemm. Meta wasal fuq il-bus stop ma ra lil hadd, pero rcieva telefonata li lilu kienu qeghdin jarawh. Hu u sejjer lura lejn il-lukanda, persuna qaltlu “Hawn habib, imxi warajja.” Hekk ghamel. Mexa wara din il-persuna, mexa aktar ‘il boghod mill-bus stop, waqfet karozza. Qal illi din il-persuna bdiet titkellem lill-Afrikan l-iehor. Xehed illi l-Afrikan li kien bil-qieghda, qallu biex jibqa’ sejjer ghax kellu l-pulizija qed isegwuh. Hawn indika lill-imputat bhala l-bniedem bil-qieghda. Indikah ukoll bhala dak li qallu “Habib imxi warajja.” Precizament bl-Ingliz qallu “My friend walk with me.” (folio 206).

Qal illi hu telaq u li kellu pulizija fil-vicinanzi mhux lebsin uniformi. Ircieva minghandhom struzzjonijiet li jergghu jmorru fil-lukanda. Darba fil-lukanda rega’ daqqlu t-

telephone. Kellmitu persuna u staqsietu hux Jojo. Wiegbu iva. Qallu li kien gej fi zmien 5 – 10 minuti b'taxi. Xehed illi hu ma kienx jaf min hi din il-persuna. Mistoqsi jekk kienx Paco, wiegeb illi le ghaliex huma ma kinux jitkellmu bl-Ingliz. Fuq struzzjonijiet tal-pulizija kellu jinzel u jistaqsieh ghal xi flus. Qal illi wara ghaxar minuti quddiem il-lukanda waqfet taxi, staqsieh kienx Jojo, Buis wiegbu fl-affermattiv. Staqsiehx kellux xi haga ghalih, qallu iva u minn naha tieghu Buis staqsieh kellux flus ghalih, dan wiegbu li kellu jkun jaf li l-flus kienu jigu wara. Tah il-bagalja li tefa' fuq il-windscreen (recte dash board) tal-karozza. Gew kollha arrestati mill-pulizija. Spjega li l-bagalja kienet basket zghir, cioe' borza tal-plastic li tawhielu l-pulizija u li kien mimli b'xugaman tal-lukanda.

Xehed illi dwar dan kollu hu kien qieghed jircievi struzzjonijiet minn Romeo dejjem mill-Olanda. Qal illi hu kien jaf minn dawn in-nies kollha biss lil Paco mill-Olanda.

Ingabu jixhdu wkoll kemm Jonathan Attard kif ukoll Zeba Moussa li minhabba kawzi pendenti relatati, ghazlu li ma jixhdux. Pero t-tnejn ukoll ghazlu li jigguramentaw stqarrijiet minnhom rilaxxati taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-istqarrija guramentata Jonathan Attard ikkonferma li kien cempillu habib tieghu, certu Paco li hu kien jaf mill-Olanda. Talbu li jmur ghalih gol-pjazza ta' Bugibba, pero stante li l-Hadd ma kienx jahdem bit-taxi, qal illi qallu li kien ser iwasslu biss one way. Qal illi sakemm kien sejjer ghalih rega' cempillu ppanikjat, staqsieh fejn kien wasal. Qallu li kien iltaqa' ma' habib, certu Moussa, u li kellu habib iehor gol-lukanda Rokna. Ghamel anke telefonata minn fuq il-mobile tax-xhud, hawn semma lil xi hadd Romeo li beda jsejjahlu 'Boss', u beda jibaghtlu n-number ta' Moussa. Waslu hdejn il-Wembley. Ftit wara stqarr illi rega' rcieva telefonata minn xi hadd barrani, li l-ewwel talbu jigborlu lil xi hadd, Attard jghid illi rrifjuta ghax kien il-Hadd. Wara talbu jaghmillu pjacir u jigborlu basket minghand wiehed jismu 'Jojo' minn hdejn ir-Rokna Hotel. Accetta u mar. Qabad mal-kamra 135, staqsa ghal Jojo; kellmu; staqsieh jekk kellux xi basket ghalih; wiegbu iva.

Hareg barra; ra wiehed iswed pero ma setax jara jekk kellux xi haga f'idu, ghalhekk rega' dar mal-blokk. Hawn rah, ra basket abjad bl-ahmar f'idu, staqsieh kienx Jojo, wiegbu iva; tah il-basket; staqsieh jekk kellux problema bil-basket, dan wiegbu li le. Qal illi dan staqsieh ghall-flus, wiegbu "What money I am the taxi driver." Qal illi hu ma ccekjax x'kien fih il-basket u tefghu fuq id-dash board. Qal illi qabzu fuqu l-pulizija.

Qal illi hu nduna li Paco kellu x'jaqsam mal-basket ghax dan x'hin kien mal-pulizija cempillu Paco u staqsieh kienx gabar basket ghall-habib tieghu. Qal ukoll illi biex jikkonvinci lill-pulizija li hu ma kellux x'jaqsam mal-basket, rega' cempel lil Paco, halla l-call fuq il-loud speaker, qal lil Paco biex jaghtih il-basket, dan staqsieh kienx hemm mieghu "….any blue people." Qal illi rega' cempillu u dan staqsieh kienx hemm xi hadd qed isegwih, dan hareg mill-karozza bil-basket f'idu u ra lil dan (Paco) gej mit-tarag ta' faccata ta' Bay Streeet. Qal illi x'hin gew wicc'imb wicc rega' staqsieh kienx hemm min qieghed isegwieh, hawn Attard rega' wiegbu fin-negattiv. X'hin hareg idu biex jaghtih il-basket, dan talbu jimxi aktar 'il fuq. Harab jigri. Gharaf ritratt lilu muri, gharfu bhala Paco li kien qed jirreferi ghalih.

Nelson Arias ukoll ghazel illi jikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament. Qal illi hu ngab Malta minn certu Jensi Martes Mose maghruf bhala Romeo. Qal illi hawn Malta hu kellu jircievi minghand dan Romeo s-somma ta' €1,000 biex b'hekk dan Romeo jibghat tifel mill-Olanda u jghaddi d-droga lilu. Zied illi Romeo kien qallu biex jiehu d-droga u jghaddieha lil Moussa li kien residenti hawn Malta, u li kellu karozza griza. Qal illi hu meta kien hawn, dan Romeo kien rah ma' Moussa, li tkellmu fuq id-droga quddiemu. Xehed illi ghalkemm Romeo tah struzzjonijiet li jigbor id-droga minghand it-tifel, hu rrifjuta ghax kien qieghed jibza'. Moussa lilu cempillu li kien hu (Moussa) li kien ser jigbor id-droga mir-Rokna Hotel. Kien Arias pero li mar hdejn il-Burger King, ra lit-tifel hemm (boy fix-xhieda tieghu), u qal lil Romeo li dan kien qieghed hemm. Fuq struzzjonijiet ta' Romeo, mar anke hdejn ir-Rokna, hemm ra lil Moussa bil-karozza tieghu. Qal ukoll illi Moussa

cempillu, u qallu li l-pulizija kienu qed isegwu lit-tifel. Qal illi l-ghada cempilllu Moussa u qallu li l-bicca kienet tahraq imma li kollox kien OK. Kien hu li kien cempel lil Schumaker, Malti xufier bit-taxi, talbu jiehdu San Giljan. Waslu San Giljan. Kien anke qal lil Schumaker fuq dan it-tifel u d-droga, xi jumejn qabel. Qal pero li dak il-hin fil-karozza ma semma xejn ghaliex kien hemm l-gharusa ta' dan u t-tfal. Dan qallu (Schumaker) li kien sejjer hu ghad-droga. Qal illi aktar tard cempillu Romeo u qallu li x-xufier tat-taxi ha l-oggett minghand dan it-tifel.

Ittiehdet ukoll bil-gurament quddiem il-Magistrat ix-xhieda ta' Zeba Moussa. Ikkonferma li kien ilu jghix hawn Malta mis-sena 2004. Ikkonferma li hu kellu Tata ta' kulur griz. Innega li hu kien jaf jew sema' bl-isem Romeo. Qal illi kien sema' bl-isem Paco. Qal illi xi tliet gimghat ilu kien gie avvicinat minn persuna li qaltlu li kellha restaurant gewwa l-Olanda u seta' jimpjegah mieghu. Qal illi dan kien Martes li kien tah anke €50. Introducieh ukoll ma' Paco quddiem il-Hilton Hotel bhala huh. Qal illi kien cempillu dan Martes u qallu biex jiltaqa' ma' dan huh hdejn ir-Rokna Hotel. Iltaqa' ma' dan Paco li gieghlu jiparkja u qallu jistennieh biex imur igib qmis. Qallu wkoll illi kien ser imur xi hadd u jhalli mieghu xi haga ghal Paco. Qal illi hu pero ma pparkjax u baqa' ghaddej. Qal illi rega' cempillu dan Martes u qallu biex jigbor lil Paco minn hotel gewwa Paceville. Ma rax lil Paco, pero kien rega' cempillu Martes u qallu biex jistenna lil Paco hdejn il-Pizza Hut. Qal illi dan baqa' ma giex, pero rega' cempillu Martes u qallu li Paco kien hdejn il-gnien. Ghalhekk xehed illi qal lil siehbu Dumbuya Almami biex imur hu jigbor lil Paco. Qal illi rega' cempel lil Martes ghaliex lil Paco ma kienx rah. Dan Martes qallu li kien hemm ragel ta' karnaggjon iswed liebes t-shirt iswed. Meta Almami wasal hdejn l-karozza b'dan ir-ragel, dan - cioe' Moussa, qal lil Almami li lil dan ma kienx jaf u ghalhekk telaq 'l hemm. Qal illi t-tieni darba li mar jigbor lil Paco minn hdejn il-lukanda mar ma' Dumbuya Almami. Ikkonferma li r-ragel li kien qieghed jistennieh hdejn il-bus stop kellu basket abjad f'idu. Anke hu gie muri ritratt li kkonferma li kien Paco.

Qabel ma tigi ezaminata x-xhieda ta' l-istess imputat, ghandhom jigu ppuntwalizzati l-konkluzjonijiet li wasal ghalihom l-espert Godwin Sammut, dwar analizi li saret fuq id-droga.

***a. Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella (70 kapsola b'kollox) li hemm fid-dokument 344_08_01 instabet is-sustanza <u>kokaina.</u> Il-piz tat-trab kien ta' <u>675.04 grammi</u> u l-purita' kienet ta' circa <u>45%</u>. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.***

***b. Il-prezz tal-kokaina huwa bejn €67 sa €104.80 kull gramma. Il-piz total ta' kokaina huwa ta' 675.04 grammi li jaghti valur ta' €45,227.68 sa €70.744.19.***

Xehed minn jeddu l-imputat. Tibda din il-Qorti qabel ma tghaddi biex tezamina x-xhieda ta' l-imputat, illi dan a tempo vergine ta' l-investigazzjoni kien irrilaxa stqarrija, li pero kienet ittiehdet bla dritt ta' assistenza legali.

Xehed Almami li hu kien gie arrestat ma' siehbu Moussa hdejn ir-round-about principali ta' Paceville. Qal illi hu kien fil-karozza ma' siehbu u li kien siehbu li kien qieghed isuq il-karozza. Dak iz-zmien Moussa kien jghix il-Marsa, mentri l-imputat kien jghix Haz-Zabbar. Mar ma' Moussa Paceville. Qal illi darba hemm, Moussa cempel lil siehbu fuq il-mobile. Qal illi hawn waqfu ma' genb lukanda li nesa x'jisimha. Kienet hdejn gnien pubbliku. Qal illi wara li lesta mit-telefonata, dawn marru lejn il-Marsa. Qal illi kien qieghed jirreferi ghas-Sibt 31, 2008. Issa qal ill Moussa cempel lil siehbu li qallu biex jibqa' hemm u jistenna. Qal illi hargu mill-karozza, hu u Moussa, u marru jiehdu pizza. Ma ftakarx l-isem tal-pizzeria, pero gewwa Paceville. Din il-pizzeria ghalih kienet Paceville qabel ma taqbad it-triq ghal Bugibba. Qal illi hallew il-karozza vicin l-ewwel bus stop li semma, u marru hemm bil-mixi. Meta kielu l-pizza Moussa qallu li kien ser jiltaqa' ma' persuna hdejn l-ewwel round-about. Marru u raw bniedem ta' karnaggjon ismar fuq il-post. Moussa qallu biex jghajjatlu. Sejjahlu u dan mar u qallu li hu ma kienx jafu. Moussa qal lil dan ir-ragel

biex jidhol fil-karozza. Dan ma dahalx fil-karozza. Qal illi issa Moussa ma riedx li dan jidhol fil-karozza ghax kien ser isejjah lill-pulizija. Kien l-imputat li b'Ingliz hazin qal lil dan biex jitlaq.
Qal illi meta kienu gor-restaurant ra pulizija bl-uniformi. Ralu wiccu qal illi dan il-pulizija. Innega li hu semma l-kelma pulizija lil dan ir-ragel l-iswed. Kien Moussa li ried isejjah lill-pulizija. Xehed illi dan ir-ragel telaq. Meta mar biex jidhol fil-karozza ta' Moussa, dan talbu jistennieh hdejn il-bus stop.
Qal illi qatt ma rega' rikeb fil-karozza ma' Moussa. Pero qal illi meta arrestawh hu kien fil-karozza.
Qal illi fil-granet tas-Sibt u tal-Hadd, lilu Moussa qatt ma semmielu xejn fuq id-droga. Qal illi hu qatt ma kien involut fid-droga.

Issa d-Difiza f'dan il-kaz ghazlet illi tirrikorri ghall-istqarrija li rrilaxxa l-imputat, nonostante li din kif diga' premess ittiehdet bla dritt ta' assistenza legali. Ikkonferma fiha li hu kien ilu jaf lil Moussa xahar qabel, u li ma kienx jiehu drogi. Qal ukoll illi dan Moussa gieli kien jistaqsih biex imur jixtri mieghu l-Belt jew il-Hamrun. Ghalhekk is-Sibt kien fil-fatt Paceville ma' Moussa. Qal li f'nofsinhar iltaqa' ma' Moussa l-Marsa u marru t-Tiger Bar. Qal illi wasslu d-dar Haz-Zabbar, fil-11.00 ta' fil-ghaxija, u li ma kienx jaf fejn mar Moussa. Ikkonferma li s-Sibt kien ma' Moussa gewwa Paceville, u kien qal mod iehor fl-istqarrija ghax kien beza' mill-Ispettur. Ikkonferma li Moussa kien cempel lill-habib tieghu, u li kellu jiltaqa' mieghu hdejn il-bus station ta' Paceville, cioe' bus stop. Mistoqsi fuq il-karozza ta' Moussa, wiegeb illi din kellha magna fuq quddiem. Qal illi Moussa qallu biex jimxi ghall-bus station faccata tal-police station, meta wasal hemm cempillu u qallu jerga' jitla' hdejn l-ewwel bus station. Qal illi Moussa qatt ma qallu min kien il-habib tieghu. Qal illi Moussa qatt ma qallu ghalfejn ried lil din l-persuna titla' fil-karozza. Ma rax jekk dan il-habib kienx qieghed igorr xi haga. Qal illi kien Moussa li baghtu lura minhabba l-pulizija, u li hu ma kienx jiktellem bl-Ingliz sew, u allura qal bil-pulizija lil bniedem (?). Ir-ragel dar lura. Qal illi hu kien ra pulizija hemm pero ma gharfux.

Innega li hu jaf l-ismijiet Romeo u Paco. In kontro ezami qal illi pulizija ra wiehed biss li kien liebes uniformi. Rah biss jippassigga.

Qal li Moussa qallu biex dak (il-bniedem l-iswed) ma jidholx gol-karozza tieghu ghax il-pulizija kienu warajh. Anzi li jekk jidhol kien ha jghajjat lill-pulizija. Qal illi hu ma kienx jitkellem bl-Ingliz u li hu – Moussa, kellmu bl-Ingliz tieghu. Ikkonferma pero li hu lill-persuna l-ohra l-iskura, kellimha b'Ingliz hazin. Innega li hu lil din il-persuna qallha biex titlaq ghax kellha l-pulizija warajha.
Qal illi Moussa qallu biex isejjah lill-persuna, imbaghad qallu li ma kienx dak u ghalhekk dan kellu jitlaq. Qal illi ha zball u sejjah bniedem hazin. Ma kienx jaf ghalfejn Moussa kien mar hemm. Ma jafx ghalfejn mar isejjah lill-persuna s-sewda hlief biss ghax qallu Moussa biex jaghmel dan. Qal illi sejjahlu meta kien bil-mixi mhux fil-karozza. Hareg mill-karozza ghax ghamel kif qallu Moussa gialadarba kien mar mieghu Paceville. Innega li hu kin jaf li Moussa kien qieghed jaghmel deal tad-droga.

Wara x-xhieda xejn felici ta' l-imputat ghall-mod ta' kif esprima ruhu, sar access u ghal dan l-iskop tqabbad il-Perit Valerio Schembri.

L-imputat indika fl-access illi s-Sibt iltaqa' ma' Moussa faccata ta' l-entratura tal-Arcadia. Indika l-post Zinc fejn il-Hadd kienet ipparkjata l-karozza. Indika numru ta' telephone boxes minn fejn skondtu  cempel siehbu Moussa. Indika r-restaurant Buco fejn ha l-pizza.

Indika l-bus stop fejn kien hemm il-persuna ta' karnaggjon iswed biswit Spinola Palace. Indika tragitt li ha l-imputat flimkien ma' l-iswed.

Ikkunsidrat:

Illi certament din il-Qorti hija ghalhekk rinfaccata b'diversi xhieda, kemm ufficjali tal-pulizija kif ukoll terzi li huma anke mressqa fuq akkuzi relatati li jorbtu lill-imputat ma' dan ir-reat.

Bla dubbju d-droga misjuba u nvoluta kienet dik li espella minn go fih ix-xhud Buis u li fuqha saru l-ezamijiet forensici u analitici ta’ Godwin Sammut. PC 599 Clive Mangion, involut fil-controlled delivery xehed illi waqt l-istess, waqt li hu kien qieghed isegwi lil Buis, ra lill-imputat javvicina u jkellem lil dan Buis, rahom jimxu ‘l isfel lejn il-vettura Tata Indica silver li fiha kien hemm certu Zeba Moussa, ghalhekk ra lil dan Almami jitkellem ma’ dan Buis.

Wiehed irid dejjem jiftakar illi dan Buis kien qieghed jghin lill-pulizija fil-controlled delivery u kien barra l-lukanda biex jghaddi d-droga (issa decoy xugaman mibdula mill-pulizija) fuq struzzjonijiet li kien qieghed jircievi mill-esteru minghand certu Romeo.

Mela zewg punti saljenti naxxenti minn din ix-xhieda huma li Buis segwa lil Almani, u li x-xhud ra lil Almani hdejn il-vettura jkellem lil Buis.

PS 1086 Jonathan Micallef xehed ukoll illi hu kien ra lil Almami u lil Buis jimxu wara xulxin, dan meta Buis kien obda struzzjonijiet li jistenna hdejn il-bus stop. Ra lil Almami jkellem lix-xufier Moussa, ra lill-imputat idur lejn Jose’, u Jose’ jinfired minn maghhom.

Anke dan ix-xhud allura jpoggi lill-imputat Almami in kuntatt ma’ Buis.

WPC Carmen Gauci wkoll rat lill-imputat jghaddi hdejn il-Wembley, jieqaf ikellem lil Buis (dan dejjem involut fil-controlled delivery), rat lit-tnejn jinzlu wara xulxin lejn il-vettura pparkjata. Rat lil Almani jkellem lix-xufier (ghalina Moussa), imbaghad lil Jose Buis li rega’ tela’ lura.

Xhud saljenti huwa l-istess Jose’ Buis. Saljenti f’dak li qal fix-xhieda gia’ riprodotta. Ghalhekk jghid li fuq struzzjonijiet li kien qieghed jircievi bit-telephone minn barra, minghand certu Romeo, mar hdejn il-bus stop, stenna karozza (griza) li fiha kellha zewg persuni ta’ karnaggon skura, giet din il-vettura, gie avvicinat mill-imputat, dan talbu jimxi warajh sakemm waqfu hdejn din

il-vettura. Qal illi dan, l-imputat anke qallu biex jibqa’ miexi (allura ma telax fil-vettura) ghax kellu l-pulizija warajh. Buis fil-fatt hekk ghamel u rega’ lura lejn il-lukanda.

Minn naha tieghu Zeba Moussa allura s-sewwieq tal-vettura, xehed, allura kkonferma, li kien l-imputat Dumbuya Almami li kien mar biex jigbor lil Paco. Ikkonferma dan li kien hemm ragel ta’ karnaggjon skur qieghed jistenna hdejn il-bus stop u li kellu basket abjad f’idu. Aktar tard Moussa jghid li pero dan ma kienx il-mistenni Paco, u ghalhekk baghtu lura.

Issa l-imputat ta spjegazzjoni tieghu ta’ kif kien involut f’dan l-incident in ezami. Ammetta li kien mar Paceville. Qal illi kien ma’ Moussa u li dan kien ircieva telefonata fejn kien diregut li jistenna, jghid li allura huma hargu mill-vettura u marru jiehdu pizza. Jghid li kien Moussa li qallu biex jghajjat persuna ta’ karnaggjon iswed li kien hdejn ir-round-about. Qal illi hu lil dan ma kienx jafu u li anke Moussa kien qallu li kien ser isejjah lill-pulizija jekk dan jidhol fil-karozza. Allura hu lil dan l-iswed qallu b’Ingliz hazin biex jitlaq. Innega li hu semma l-kelma pulizija lil dan l-iswed.

Dan allura jikkontrasta ma’ dak li xehed l-istess Buis, li kien l-imputat li kien keccieh minn hdejhom (Almami u Moussa) ghax kellu l-pulizija warajh. Fl-istqarrija li ghaliha rrikorriet id-Difiza, qal li kien Moussa li kellu jiltaqa’ ma’ habib hdejn il-bus stop. Qal illi kien ra pulizija wiehed biss jippassigga. Qal ukoll illi hu, fuq struzzjonijiet ta’ Moussa, kien sejjah lil persuna li kienet dik zbaljata. Allura baqa’ nsistenti li kien biss qieghed jobdi l-istruzzjonijiet ta’ Moussa.

Issa bla dubbju ta’ xejn, hemm xhieda li jqieghdu lill-imputat fis-sitwazzjoni li fiha nstab mill-pulizija waqt din il-controlled delivery. Anke jekk il-Qorti tiskarta x-xhieda tan-nies l-ohra nvoluti fir-reat innifsu, jibqa’ l-fatt illi certament kien Almami li nizel ghal Buis, fuq struzzjonijiet li kien qieghed jircievi l-istess Buis mill-isteru minn certu Romeo. Ghalhekk Buis, avvicinat minn Almami, segwa ghax kien

qieghed isegwi dawn l-istruzzjonijiet. Istruzzjonijiet li kienu derigenti fejn kellu jistenna, u anke dwar il-vettura li kellha tmur ghalih. Oltre hekk, Buis anke jixhed illi hu mar lura ghax hekk struwieh Almami, ghax kellu l-pulizija warajh. Dawn kienu struzzjonijiet intizi biex isir id-deal tad-droga miftehma allura!

Almami dan id-diskors tal-pulizija ndirizzat lejn Buis jinnegah, jghid illi dan id-diskors qalu Moussa. Jghid illi dan il-bniedem ta' fuq il-bus stop kien jafu Moussa u li hu ma' Moussa mar jiehu pizza qabel din tal-bus stop. Fl-access fil-fatt hu ha lill-Qorti, l-esperti, u lill-Avukat, u lill-Prosekuzzjoni dawra ma' San Giljan biex juri t-tragitt tieghu dik il-gurnata, ezercizzju inutli ghax fil-fatt xorta jikkonferma li ltaqa' ma' Buis.

Illi detto tutto cio', din il-Qorti m'ghandha ebda dubbju dwar l-involviment ta' Almani f'din l-istorja, ghaldaqstant issibu hati ta' l-istess, wara li rat l-Artikoli 22(1)(f), 22(5), 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ta' l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, rat l-ammnoti nvoluti, ikkonsidrat il-ftehim li sar ghan-negozju in ezami, u ghaldaqstant tikkundannah ghal piena karcerarja ta' erba'(4) snin;
U ghal multa ta' tmint elef Ewro(€8,000)

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali fl-ammont ta' €1,846.67.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------